Naturalment iċ-ċirkostanzi fi żmien San Ġużepp kienu ferm differenti. Nisthajjel li l-ħajja kienet ferm aktar kalma. Imma kif għidt fl-introduzzjoni, l-isfidi ma kinux żgħar. Fl-Evanġelju ta' San Mattew nsibu li deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom." (Mt:1:20-21). Kollox jindika li Ġużeppi ħaseb, qies u mbagħad ħa deċiżjoni. Nisthajjel li Ġużeppi wkoll talab b'fidi kbira. Min jaf li kieku Ġużeppi m'għarbilx id-deċiżjoni? Għalkemm kif qal il-Papa Franġisku fl-udjenza ġenerali (L-Erbgħa 1 ta' Diċembru 2021) fi żmien Ġużeppi "kienet daħlet interpretazzjoni iktar moderata" minn dik li nsibu fid-Dewteronomju (Dewt 22:20-21), jiġifieri t-tħaġġir, "xorta din kienet timponi "l-att tat-tkeċċija, b'konsegwenzi ċivili jew penali għall-mara".

Imma l-għerf u l-għaqal ta' Ġużeppi ma waqafx hawn. Wara li għarbel sew id-deċiżjoni li ħa, fehem tajjeb il-missjoni li kien ser ikollu fil-pjan tas-Salvazzjoni. Il-Papa Qaddis San Ġwanni Pawlu II, fl-Eżortazzjoni Appostolika Redemptoris Custos (15 ta' Awwissu 1989) jgħid:

"San Ġużepp mhux biss sema', bit-tħabbira tal-Anġlu f'ħolma, il-verità ta' Alla dwar il-vokazzjoni tal-għaġeb ta' martu, imma reġa' sema' wkoll il-verità dwar il-missjoni tiegħu. Dan ir-raġel "ġust" li ħabb il-Verġni ta' Nażaret skont it-tradizzjonijiet l-aktar għolja tal-poplu mażgħul ta' Alla, u kien marbut magħha fl-imħabba bir-rabta taż-żwieġ, ġie mill-ġdid imsejjaħ minn Alla biex juriha din l-imħabba."




Hawnhekk il-kelma "sema'" hija l-qofol ta' kollox. U biex nisimgħu jeħtieġ inkunu fis-skiet. Huwa fis-skiet li nistgħu niftħu qalbna għal Mulej biex ikellimna. Imma huwa wkoll fis-skiet li aħna stess irridu naħsbu, napprofondixxu. L-Eminenza Tiegħu Mons. Mario Grech, meta kien Amministratur Appostoliku għal Għawdex, waqt omelija fis-Santwarju Parrokkjali ta' San Ġużepp, il-Qala nhar il-Ħadd, 2 ta' Awwissu 2020 qal hekk:

"Waħda mill-konsegwenzi negattivi tal-istorbju hija li l-bniedem tilef dak l-ambjent fejn jista' jirrifletti u jiżen ftit ħsibijietu, il-messaġġi li jaslulu, il-ġrajjiet li jkun għaddej minnhom. Minħabba din il-qagħda storbjuża ma jirnexxilniex ninżlu ftit fil-fond u nixtarru x'hemm taħt il-kelma li taslilna; ma jirnexxilniex naraw x'hemm verament fil-pakkett li ħaddieħor jipprova joffrilna."

**Inwettqu mingħajr daqq ta' trombi**

Jekk nerġa' ftit lura u nsemmi dwar l-impatt tal-mezzi soċjali fuqna ma nistax ma nsemmix dwar id-drawwa moderna li nuru mal-erbat irjieħ dak kollu li nagħmlu. Il-modestà qed tintilef bil-bosta. Inkun ċar: Bħal f'kull ħaġa oħra, it-teknoloġija tipprovdilna l-għodod meħtieġa biex inwasslu l-messaġġ u jekk użata tajjeb dan huwa pożittiv.